MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 106/2013

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet nghaqdu fiz-zwieg nhar l-20 ta' Marzu tas-sena 1979;
2. Illi l-istess partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn tletin sena u dana tramite kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Antonio Carbonaro datat 24 ta' Novembru tas-sena 1982 hawn anness u mmarkat Dok. A;
3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn 30 sena u kull parti tghix il-hajja rispettiva ndipendenti taghha;

4. Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied;
5. Illi kif jirrizulta mill-istess kuntratt pubbliku ta’ separazzjoni, ir-rikorrenti ma ghandu ebda obbligu ghal hlas ta’ alimenti favur ta’ martu stante li hija kienet irrinunzjat ghall-istess;
6. Illi l-fatti hawn fuq imsemmija huma sufficjenti sabiex jissoddisfaw l-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-otteniment tad-Divorzju ai termini tal-Artikolu 66B Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talab sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien stipulat mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet halli dan l-istat ikun jista’ jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta’ Novembru 1982 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal u illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-

partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------